Guido de Marco
& Associates
ADVOCATES

***Head Office & Postal Address***

**9, BRITANNIA HOUSE, LEVEL 2,
OLD BAKERY STREET,
VALLETTA VLT 1450 – MALTA
Tel: (+356) 2125 5265/6
Fax: (+356) 2122 0842
e-mail: info@demarcoassociates.com
http://www.demarcoassociates.com**

***Branch Office***

**833, HIGH STREET,
HAMRUN HMR 1018
MALTA
Tel: (+356) 2123 8725**

15 ta' Jannar 2014

Ic-Chairman
Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici
Il-Palazz
Valletta

Sur Chairman

Naghmlu referenza ghad-diskussjonijiet preliminari li saru bejn il-Kumitat u r-rapprezentant legali tas-Sur Tancred Tabone waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013.

F'dik is-seduta r-rapprezentant legali msemmi gie mistieden jiehu konjizzjoni tar-ruling moghti mill-ispeaker tal-Kamra fl-10 ta' Dicembru 2013. Din l-ittra qieghda tintbaghat proprju ghaliex ir-rapprezentanti legali tas-Sur Tabone hadu konjizzjoni ta' dan ir-ruling u qed jigi rilevat bl-akbar rispett li dan ir-ruling ma japplikax ghas-Sur Tabone. Jirrizulta gia mill-premessa ta' dan ir-ruling illi dana japplika esklussivament fil-konfront tax-xhud George Mario Farrugia fuq kwezit maghmul mill-Kumitat "dwar jekk u safejn il-proklama moghtija lilu tkoprih jew le ghat-testimonjanza quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici."

Il-pozizzjoni ta' l-imsemmi Farrugia hi li hu qed jibbenifika minn proklama kondizzjonata, u ma gewx mehuda ebda proceduri kriminali kontrih in visto ta' tali proklama. Dan ifisser li Farrugia hu legalment kopert ghal kwalsiasi domanda li tista' ssirlu, inkriminanti jew le.

Il-pozizzjoni tal-patrocinat taghna hija toto caelo differenti. Is-Sur Tancred Tabone gie akkuzat b'reati potenzjalment konnessi ma' l-investigazzjoni li qed issir minn dan il-kumitat, u wiegeb li mhux hati ta' dawn l-akkuzi. Il-patrocinat taghna ghandu drittijiet rikonoxxuti mill-kostituzzjoni taghna, u mill-konvenzjoni Ewropea li saret parti integrali mill-ligi taghna permezz ta' l-Att XIV tal-1987, drittijiet kemm li ma jinkriminax ruhu, kif ukoll tas-silenzju.

L-Onorabbli Speaker qieghed attent li jikkwota awtoritajiet li jirreferu ghal xhieda u mhux ghal persuni soggetti ghal procedure kriminali. In fatti fl-ebda moment ma giet citata s-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Saunders vs UK appl numru 19187/91 li tapplika perfettament ghall-kaz tal-patrocinat taghna.

**Advocates:**
- **Giannella de Marco LL.D.**
- **Fiorella de Marco B.A., LL.D.**
- **Mario de Marco LL.M.(Cantab), LL.D.**
- **Josette Grech B.A., LL.D., M.Jur (Eur.Law)**

Ghalhekk, inkwanti r-ruling imsemmi mill-Kumitat japplika ghal George Mario Farrugia u ghaċ-ċirkostanzi partikolarissimi tieghu qeghdin gentilment nikkonfermaw li l-patroċinat taghha ser jeżerċita d-dritt tas-silenzju tieghu, u dan m'hu bl-ebda mod in vjolazzjoni tar-ruling ta' l-ispeaker.

Av Giannella de Marco

Av Henri Mizzi